## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR WARREN GALEA) V. NICOLAE EFIMOV (KI. 452282A)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**10 ta' Ġunju 2025**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Nicolae Efimov, ta' 38 sena, iben ġenituri mhux magħrufa, residenti ġewwa 14, Vivant, Flt 6, Triq iċ-Ċern, San Pawl il-Baħar, mwieled Sulina, Romania nhar l-14 ta' Novembru 1986 u detentur tal-permess ta' residenza Maltija bin-numru 452282A (hawn imsejjaħ "l-imputat") li tressaq taħt arrest quddiemha, diversement presjeduta, fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2025 mixli illi;

**'nhar it- 02 ta' Ġunju 2025 għall-ħabta tal-21:45hrs ta' filgħaxija ġewwa Triq iċ-Ċern, San Pawl il-Baħar u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin:**

1. **Naqas milli jħares xi waħda, w/jew aktar minn waħda, minn diversi kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu b'digrieti tal-Qrati u dan bi ksur *tal-Artikoli 579 (1), (2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***
2. **Saq, ppruva jsuq jew kellu kontroll ta` vettura tal-għamla *'Opel'* bin-numru ta' reġistrazzjoni JBE617 fit-triq jew f`post pubbliku wara li kkonsma alkahol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt u ċioe' kien dak ta' 066.9ug/100ml u dan bi ksur *tal-Artikolu 15B(1) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta.***
3. **F'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u dan bi ksur *tal-Artikolu 338(ff) Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta***
4. **U aktar talli bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor u dan bi ksur *tal-Artikolu 338(m) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

rat li hija ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-imputat u kif ukoll li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija ikun ikkonfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il- Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reati;

rat li hija ġiet mitlub ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skond it-termini tal-Artikolu 15(4) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

rat li filwaqt li fis-seduta tal-preżentata stqarr illi ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, fis-seduta tal-lum, quddiem din il-Qorti kif presjeduta, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha u dan wara li wissietu dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu,

rat li meta reġgħet issejħet il-kawża  l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Warren Galea,
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Stefano Filletti,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ tista' ma timponiex piena karċerarja għalkemm tagħmilha ċara lill-imputat li mhux ser ikun hemm opportunitajiet oħra 'l quddiem. Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi u ċioe l-Art. 338(ff), 338(m) u 579 tal-Kap. 9, l-Art. 15B(1) u 15H tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha fuq ammissjoni tiegħu stess u tikkundannah iħallas multa ta' € 2,000, liema multa tista', fuq talba tad-difiża milqugħa mill-Qorti, titħallas f'għaxar pagamenti mensili u ugwali. Il-Qorti qegħda ukoll tordna li tiġi kkonfiskata s-somma ta' € 800 mill-ammont depożitat bħala parti mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mogħti lilu minn din il-Qorti (per Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech) fid-digriet tagħha tat-23 ta' Ottubru 2024.**

**Finalment il-Qorti qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 15H(2) tal-Kap. 65 billi timponi fuq il-ħati l-piena addizzjonali ta' skwalifika milli jottjeni jew jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perjodu ta' sitt (6) xhur.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |